MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-4 ta' Awwissu, 2005

Rikors Numru. 41/2002/1

**Ir-Repubblika ta’ Malta**

**vs**

**Mosbah Mohsen Ben Ibrahim**

Il-Qorti

Rat id-digriet tal-Onorabbli Qorti Kriminali tas-6 ta’ Dicembru 2002 li bih dik il-Qorti, a tenur tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni, bghatet il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-akkuzat skond il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ Settembru, 2002, quddiem din il-Qorti biex din l-istess

Qorti taghti d-decizjoni taghha fuq il-kwestjoni kostituzzjonali u dana skond il-ligi;

Fl-imsemmi digriet il-Qorti Kriminali ikkonsidrat :-

**“Rat l-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Mosbah Mohsen Ben Ibrahim, li bih huwa gie akkuzat talli :**

**1) f’xi hin qabel it-tmienja ta’ filghaxija (8pm) ta’ nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta’ Marzu, tal-elfejn (2000), bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti arresta, zamm jew issekwestra lil xi persuni kontra l-volonta’ taghha b’dan illi l-persuna arrestata, mizmuma jew isekwestrata giet mhedda bil-mewt, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**2) fl-istess data u hin bi vjolenza jew b’theddid gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew li ma jaghmilx xi haga li ghandha x’taqsam mal-kariga tieghu, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**3) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, b’dan li l-attakk jew ir-resistenza sar minn tlieta minn nies jew aktar, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**4) harab minn post ta’ kustodja jew ta’ piena, b’dan li l-harba saret bil-vjolenza fuq il-persuna, jew bi ksur ta’ dawn il-postijiet, u dana skond ir-Raba’ Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**5) seraq vettura li tiswa aktar minn elf lira, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza (numerika), valur, hin u xorta tal-haga misruqa, u dana skond il-Hames Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**6) dahal b'abbuz f'dar jew lok iehor jew f'recint b'wiehed mill-mezzi msemmija fl-artikoli 264, 265 u 266 tal-kodici Kriminali, u dana skond is-Sitt Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**7) kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun b'xafra, bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u dana skond is-Seba' Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**8) attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, b'dan li l-attakk jew resistenza sar minn wiehed jew tnejn minn nies, u dana skond it-Tmien Kap tal-Att tal-Akkuza;**

**Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.**

**Rat in Nota tal-Eccezzjonijiet tal-akkuzat tat-8 t'Awwissu, 2002 li biha eccepixxa :-**

**1. li hu diga gie gudikat u misjub hati fuq l-1,2,3,4 7, u 8 tal-att tal-Akkuza Nru.9 /2002 ;**

**2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-akkuzi fil-Kap.1 u 2 tal-Att tal-Akkuza jkopru l-istess fatti msemmija fl-akkuza fil-Kap.4 u ghalhekk huma akkuzi duplici u kontra l-ligi.**

**Rat il-lista tax-xiehda w tad-dokumenti li d-difiza behsieba tressaq;**

**Rat l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Settembru, 2002, li per mezz tieghu, Dr. Lynn Zahra, qabel ma ghaddiet biex tittratta l-mertu tal-eccezzjoni preliminari tal-akkuzat, issollevat formalment il-kwistjoni tal-ksur tal-jeddijiet tal-bniedem kif protetti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta taht l-artikolu 39(9) u l-Konvenzjoni Ewropeja**

**Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem taht l-artikolu 6(1), in vista tal-fatt li l-akkuzat gja gie kastigat ghall-uhud mill-fatti li jiffurmaw il-bazi tad-diversi kapi tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk formalment qed titlob li din il-Qorti tirreferixxi din il-kwistjoni lill-Qorti Civili Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) ghad-decizjoni fuq dan il-punt .**

**Rat il-verbal tal-istess seduta li per mezz tieghu Dr. Anthony Barbara ghall-Prosekuzzjoni, in vista partikolarment tad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Engel and others vs. The Kingdom of the Netherlands" tat-8 ta' Gunju, 1976, liema decizjoni diga hemm riferenza ghaliha fl-atti tal-process a folio 570 et seq., eccepixxa li t-talba tal-akkuzat hija frivola w vessatorja;**

**Rat ukoll il-verbal tal-istess seduta li bih id-Difiza w l-Prosekuzzjoni qablu li f'kaz li din il-Qorti tiddeciedi li l-punt kostituzzjonali sollevat huwa frivolu w vessatorju, tkun tista' tghaddi biex tiddeciedi z-zewg eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat; bil-fakolta' lill Prosekuzzjoni w d-Difiza li jipprezentaw noti ta' riferenzi b'kopji informi tas-sentenzi jew awturi li jaghmlu riferenza ghalihom sal-ahhar t'Ottubru, 2002; u bil-fakolta li l-kawza tigi rikjamata ghas-sentenza jew provvediment ghall-data aktar vicina minn dik tas-7 ta' Jannar, 2003 li ghaliha giet differita;**

**Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza kemm dwar l-ilment kostituzzjonali kif ukoll dwar il-mertu tal-eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat ;**

**Rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni tas-17 ta' Ottubru, 2002 li biha esebiet kopja tad-decizjoni tat-8 ta' Gunju, 1976 fil-kaz ta' ENGEL & OTHERS;**

**Rat l-ordni Taghha li biha ordnat li l-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi din il-Qorti trid fl-ewwel lok u in linea preliminari tinvesti il-kwistjoni tal-allegat ksur tad-drittijiet fondamentali tal-bniedem sollevata mid-difiza li biha qed titlob riferenza lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, Sede Kostituzzjonali, u dana ghax l-akkuzat gja gie kastigat ghall-istess fatti li huma l-mertu ta' diversi Kapi tal-Att tal-Akkuza, meta kontra tieghu ttiehdu passi mill-Awtoritajiet tal-Habs.**

**Illi l-akkuzat fl'att ta' Akkuza in kwistjoni qed jigi akkuzat hekk :-**
**TAHT KAP BL-OFFIZA TA'…..BI KSUR TAL-ARTIKOLI**
**1 Sekwestru ta' SCO 40 u CO 70 ufficjali pubblici 86 u 87 (c) Kap.9 . u theddid bil-mewt tal-istess ufficjali.**
**2. vjolenza u theddid biex igieghel ufficjali pubblici ma 91 tal-Kap.9 jaghmlux dak li ghandhom jaghmlu.**
**3. attakk u rezistenza bi vjolenza u hebb kontra persuni - 96(b) tal-Kap.9 inkarikati minn servizz pubblku skond il-ligi.**
**4. harba mill-habs 152 tal-Kap.9**
**5. serq ta' vettura li tiswa aktar minn elf lira, kwalifik 261 (a)(c)(f)(g),262 (b),267,270,271(g) 277(a) 279(b),Kap.9**
**6. Dhul b'abbuz fi djar jew recint 264,265,266 u 330(b) Kap.9**
**7. Pussess t'arma improprja bil-ponta bla licenzja 13(1) u 19, Kap.66**
**8. Attakk u rezistenza fuq Pulizija f'Ghajn Tuffieha 96(a), Kap.9**

**Illi l-akkuzat jirrizulta li gie mghoddi passi dixxiplinari quddiem il-Bord tad-Dixxiplina fil-Habs Civili ta' Kordin li fl-4 t'April, 2000 taht kastig minn liema decizjoni w kastig hu appella quddiem it-Tribunal tal-Appell li ddecieda finalment dwar dan l-appell fit-2 ta' Mejju, 2000 (Dok. C, anness man-nota tal-eccezzjonijiet tal-akkuzat ) billi cahad l-appell ghajr dwar l-item "S" li gie invokat inutilment u ghalhekk ikkancella l-kastig impost ghal dan l-item, u b'hekk l-akkuzat kien instab hati definittivament u kastigat ta'**

**ksur tar-Regolamenti tal-1995 dwar il-Habs u b'mod partikolari tal-paragrafi segwenti tar-regolament 74 :-**
**(b) assalt ta' persuna**
**(c) cahad access ghal xi parti mill-habs lil xi ufficjal tal-habs;**
**(e) ipperikola s-sahha jew is-sikurezza personali ta' ohrajn ;**
**(f) fixkel ufficjal tal-habs fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu**
**(g)**
**(i) kellu fil-pussess tieghu xi oggett ipprojbit jew mhux awtorizzat ;**
**(j) ha, minghajr awtorita' jew raguni legittima , xi oggett li kien jappartjeni lil persuna ohra jew lil habs;**
**(m) assenta ruhu minn xi post fejn huwa kien mehtieg li jkun jew kien prezenti f'xi post fejn ma kienx awtorizzat li jkun;**
**(o) wera nuqqas ta' rispett lejn ufficjal tal-habs jew lejn xi persuna li tkun qed izzur il-habs;**
**(p) dagha jew uza kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi, oxxeni jew insolenti;**
**(t) zamm xi persuna kontra l-volonta' taghha;**
**(u) harab waqt li kien mizmum jew meqjus li kien mizmum il-habs**
**(w) b'kull mod iehor li jkun ghamel reat kontra l-buon ordni u d-dixxiplina.**

**L-akkuzat, bis-sahha tar-Regolament 77 tal-istess Regolamenti bl-eccezzjoni tal-"item" "w" li dwaru ma inghata ebda kastig, gie moghti l-piena massima ta' 30 jum rekluzjoni f'cella ghal kull wahda mill-"items" fuq imsemmija flimkien mall-piena massima ta' 120 jum ta' tnaqqis mis-sentenza ("remission of sentence") ghal kull wahda minn dawk l-"items" , bl-eccezzjoni tal-"items" "t" u "u" , fejn il-piena imposta kienet ta' 365 jum telf tar-"remission".**

**Illi ma hemmx dubju li uhud mill-fatti kontemplati fil-passi dixxiplinari kontra l-akkuzat jirrigwardaw l-istess fatti konnessi mall-allegata harba mill-habs tal-**

**akkuzat, fid-29 ta' Marzu, 2000 u l-allegati ncidenti li akkompanjaw tali harba li huma l-mertu ta' diversi kapi tal-Att tal-Akkuza, partikolarment dawk imsemmija fil-kapi 1,2,3,4 u 7 .**

**Illi l-ewwel kwistjoni li trid tinvesti din il-Qorti hija jekk il-fatt li issa li l-akkuzat qed jigi processat quddiem din il-Qorti ghall-istess fatti jikkostitwix ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif protetti bl-art. 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Art.6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem .**

**Ikkonsidrat;**

**Li din il-kwistjoni kienet gja giet sollevata mill-abbli difensur tal-akkuzat fil-kors tal-atti tal-kompilazzjoni u precizament b'verbal tal-10 ta' Jannar, 2001 , fejn l-istess difensur issottomettiet li l-imputat kien diga' inghata kastig fuq l-istess fatti li diga jinsab akkuzat bihom quddiem il-Magistrat, waqt proceduri dixxiplinarji mill-awtoritajiet tal-habs u ghalhekk japplika d-dritt Kostituzzjonali tas-Section 39 (9) igifieri li d-drittijiet fondamentali tal-imputat kienu qed jigu miksurin bl-imputazzjonijiet li kellu quddiem dik il-Qorti u li l-proceduri dixxiplinarji li ghadda minnhom l-imputat fil-habs kienu fil-fatt jammontaw ghall-proceduri kriminali, pero' minghajr il-garanzija li ghandu kullhadd taht il-Kostituzzjoni u taht l-artiklu 6 in linea ma sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, specjalment "Campbell and Fell" tal-1986. Ghalhekk hi talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja sabiex taghmel riferenza Kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fuq dan il-punt u cioe' jekk id-disciplinary proceedings jammontawx ghall-proceduri kriminali w allura l-imputat m'ghandux jigi soggett illi jghaddi minn proceduri godda fuq l-istess fatt . (fol. 544 tal-atti tal-kumpilazzjoni). In sostenn tat-tezi taghha umbaghad id-difensur ipprezentat Nota tal-Osservazzjonijiet (fol.551) u esebiet kopji ta' diversi sentenzi tal-Qorti Ewropeja (Fols. 553 sa 630 tal-atti tal-kompilazzjoni).**

**Illi pero’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b’Digriet Taghha tas-16 ta’ Jannar, 2001 kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-imputat fuq imsemmija w dana stante li dik il-Qorti rriteniet li f’dak l-istadju ma kellhiex aktar kompetenza oltre dak dikjarat fl-artikolu 405 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta cioe’ dik li tisma x-xiehda tad-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin rikjesta mill-imputat. (fol.632).**

**Di fatti fis-seduta tal-10 ta’ Jannar, 2001 (Fols. 545-548 ) kien xehed id-Direttur tal-Habs li kkonferma li l-akkuzat bhala rizultat tal-passi dixxiplinarji li ttiehdu kontra tieghu fil-habs kien tilef 1930 jum “remission” w apparti dan kien inghata decizjoni ta’ “solitary confinement” cioe’ “self committment” li joqghod fic-cella. Qal ukoll li skondu l-proceduri li nstemghu quddiem il-Board huma indipendenti mill-proceduri tal-Qorti u li r-”remission” mhux dritt li hu intitolat ghalih l-imputat u prigunier jiehu r-”remission” biss jekk igib ruhu tajjeb fil-habs.**

**Illi l-akkuzat rega ssoleva l-istess ilment Kostituzzjonali appena deher ghall-ewwel darba quddiem din l-Onorabbli Qorti biex jigu trattati l-eccezzjonijiet preliminari tieghu w dana anki ghaliex ovvjament , jekk il-proceduri dixxiplinari li ttiehdu kontra tieghu jigu interpretati bhala li huma ta’ indoli kriminali, allura dan jincidi bis-shih fuq l-ewwel eccezzjoni tieghu ta ”ne bis in idem” li hu dritt garantit mill-art. 39(9) tal-Kostituzzjoni ta’Malta.**

**Illi l-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta nvokat mid-difiza jghid testwalment li :-**
**“Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri quddiem xi QORTI KOMPETENTI GHAL REAT KRIMINALI (emfasi ta’ din il-Qorti) u/ jew tkun giet misjuba hatja jew liberata ma ghandha terga’ tghaddi proceduri ghal dak ir-reat jew ghal xi reat kriminali iehor li ghalih setghet tigi misjuba hatja fil-proceduri ghal dak ir-reat .....”**

**Izda l-proviso ghal dan is-sub-artikolu jipprovdi li :-**

**"Izda ebda haga f'xi ligi m'ghandha titqies li tkun inkonsistenti ma jew bi ksur ta ' dan is-subartikolu minhabba biss li tawtorizza xi Qorti li taghmel proceduri kontra membru ta' korp dixxiplinat ghal reati kriminali nonostante kull proceduri u dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skond il-ligi dixxiplinarja ta' dak il-korp , imma hekk illi kull Qorti li tkun hekk tiggudika dak il-membru u li hekk issibu hati ghandha meta tikkundannah ghal xi piena tiehu kont ta' kull piena moghtija lilu skond dik il-ligi dixxiplinarja ."**

**Illi skond l-artikolu 47 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta "Membru" "dwar korp dixxiplinat, tinkludi kull persuna, li skond il-ligi li tirregola d-dixxiplina ta' dak il-korp, tkun soggetta ghal dik id-dixxiplina." u "korp dixxiplinat" ifisser "inter alia" "(d) is-servizz tal-habs ta' Malta" u "ligi dixxiplinarja inter alia, tfisser ligi li tirregola d-dixxiplina." (b) ta' persuni li jkunu qed jiskontaw kundanna ta' habs" Umbaghad "Qorti" fl-istess artikolu giet defenita bhala "Qorti f' Malta li ma tkunx Qorti mwaqqfa bi jew skond ligi dixxiplinarja ..."**

**Illi umbaghad ir-Regolament 87 tar-Regolamenti tad-dixxiplina tal-Habs jghid testwalment li:-**

**"Proceduri kriminali mehuda kontra prigunier f'xi Qorti, dwar fatt li x'aktarx ikun jiggustifika proceduri dixxiplinarji, ma ghandhomx iwaqqfu l-proceduri dixxiplinarji kontra dak il-prigunier ghal xi ksur tad-dixxiplina taht dawn ir-regolamenti."**

**Issa hu ovvju li din il-protezzjoni kostituzzjonali minn process doppju skond il-Kostituzzjoni tinghata biss meta l-ewwel proceduri ikunu ittiehdu quddiem "Qorti kompetenti" u ghall-"reat kriminali". L-akkuzat kien gie gudikat mhux minn xi "Qorti" fis-sens tad-definizzjoni fuq citata izda mill-Bord tad-Dixxiplina tal-**

**Habs li jiffunzjoni taht il-ligi dixxiplinarja li tirregola s-servizz tal-habs u l-persuni hemm detenuti b'kundanna u l-htija w kastig tieghu kienu**

**gew konfermati mit-Tribunal tal-Appell li ukoll jinsab imwaqqaf taht ir-Regolamenti dixxiplinarji tal-Habs u dawn mhumiex "Qrati" kompetenti biex jiggudikaw reati kriminali, ghax il-Qrati kompetenti biex jiggudikaw reati kriminali huma l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, l-Qorti Kriminali, w l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-gurisdizzjoni inferjuri u superjuri taghha w ebda enti ohra.**

**Illi l-Prosekuzzjoni ssottomettiet li skond il-ligi domestika taghna l-ksur tar-regolamenti tal-habs ma jidhirx li jikkostitwixxi reat kriminali imma biss ksur ta' regolamenti nterni ta' dixxiplina ntizi biex il-habs ikun jista' jigi amministrat b'mod tajjeb u b'sikurezza ghall-ufficjali tal-habs u ghall-istess prigunieri jew detenuti. Huma ghandhom elementi li ghalkemm jistghu jixbhu lil xi reati kontemplati fil-Kodici Kriminali mhumiex identici ghalihom u jimportaw kastig jew piena ghal kollox differenti minn dak kontemplat mill-Kodici Kriminali ghall-reati simili jew relatati.**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti , konsidrat biss taht l-ottika tal-Kostituzzjoni u l-ligi domestika Maltija "ut sic", l-Att tal-Akkuza odjern, in kwantu jittratta f' diversi kapi tieghu fatti li taghhom l-akkuzat gie kastigat mill-awtoritajiet tal-habs, ma jidhirx li jilledi d-drittijiet fondamentali kif protetti fl-artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni li qed jigi nvokat mill-akkuzat.**

**Illi pero' l-akkuzat qed jilmenta ukoll minn ksur tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja li llum tifforma parti mill-"corpus juris" Malti skond il-Kap. 319 tal-Ligijiet ta'Malta. Dan l-artikolu jiddisponi li:-**

**"Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta' xi akkuza kriminali kontra tieghu, kullhadd**

**huwa ntitolat ghall smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'ligi ....“**

**F'dan l-artikolu ma jissemmiex espressament id-dritt li persuna ma tigix gudikata darbtejn ghall-istess fatt. Imma hu risaput li l-Article 6 tal-Konvenzjoni, fil-kors taz-zmien, iggenera korp konsiderevoli ta' gurisprudenza u "interpretative case law" kemm tal-istess Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-Commission. Di fatti, kif gie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza taghha tal-20 ta' Novembru, 2000, fil-kawza "Melchior Spiteri vs. Avukat Generali":-**

**"Hu wkoll pacifiku llum fost l-awturi illi l-fatt illi l-principju tan-ne bis in idem gie espressament rikonoxxut bhala li jikkostitwixxi dritt fondamentali ta' l-individwu fil-Protocol numru 7 , bl-ebda mod ma jfisser illi tali dritt ma kienx jista' jigi , kif kien fil-fatt gie dezunt b'sentenzi ta' l-organi gudizzjarji Ewropej , bhala nvoluti fid-drittijiet fundamentali ghal smiegh xieraq protetti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni" .**

***"The fact that freedom from double jeopardy (ne bis in idem - autre fois acquit) is guaranteed by the Seventh protocol of the Convention for the parties thereto, does not necessarily mean that it is not protected by article 6(1) for the Convention parties as a whole."*** **(HARRIS, BOYLE, WARBICK - LAW OF THE EUROPEAN CONVENTION ON HUMAN RIGHTS pg.217 et seq.) "**

**Kemm id-Difiza kif ukoll il-Prosekuzzjoni ghamlu riferenza ghall-kaz ta' "Engels and others vs. The Kingdom of the Netherlands" (fols.570-599 tal-atti tal-Kompilazzjoni) deciz mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-2 ta' Gunju, 1976 . Dan kien kaz in konnessjoni ma passi w proceduri dixxiplinari li kienu ttiehdu kontra membri tal-armata Olandiza.**

**Ghalkemm f'dan il-kaz pero' ma jidhirx li giet investita "ut sic" il-kwistjoni tar-"res judicata" jew tan-"ne bis in idem" li qed tigi sollevata f'dan il-kaz bhala bazi tal-ksur ta' xi dritt fondamentali tal-bniedem imma vjolazzjonijiet ta' xort' ohra, dik il-Qorti kienet ghamlet certi pronuncjamenti dwar l-applikabilita' tal-Art.6 ghal proceduri dixxiplinarji li umbaghad taw lok ghall-evoluzzjoni ulterjuri f' gudizzji ohra sussegwenti kemm tal-Commission kif ukoll tal-istess Qorti Ewropeja dwar il-koncett hekk imsejjah "the autonomous meaning of Criminal Charge" (ara. C.J.F.KIDD - "Disciplinary Proceedings and the Right to a Fair Criminal Trial Under the European Convention on Human Rights" - INTERNATIONAL AND COMPARATIVE LAW QUARTERLY" [Vol.36 - October 1987 - pp. 857-872] )**

**Il-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Engel spjegat in-necessita' prattika li tigi addottata nterpretazzjoni oggettiva w awtonoma tal-frazi "criminal charge" li ma tkunx tiddependi necessarjament mid-definizzjoni li tkun tinsab fil-ligi domestika tal-Convention States.**

**Illi fejn l-Istat membru tal-Konvenzjoni jkun jiddefenixxi l-ksur ta' regoli dixxiplinarji bhala reat kriminali , allura tigi addottata dik id-definizzjoni , izda fejn l-istat membru - fil-ligi domestika tieghu - jiddefenih biss bhala ta' natura dixxiplinari, allura fejn jinstab minn analisi komparattiva w fuq bazi ta' "common denominator approach"**

**li proceduri simili huma konsidrati bhala li huma ta' natura penali mill-Istati membri tal-Konvenzjoni jew minn numru preponderanti taghhom , x'aktarx li l-interpretazzjoni li tagfhti l-Konvenzjoni tkun tirrifletti din l-ahhar fehma w tipprevali fuq is-sinifikat w interpretazzjoni moghtija mill-ligi domestika tal-pajjiz membru li kontra tieghu tkun saret applikazzjoni quddiem il-Qorti Ewropeja.**

**Illi gew stabiliti ghadd ta' kriterji mill-Qorti Ewropeja fil-kaz ta' Engel dwar kif wiehed ghandu jistabilixxi**

**jekk passi dixxiplinari ghall-ksur ta' regoli dixxiplinarji humiex ta' natura penali . L-ewwel kriterju hu li fejn il-ligi domestika stess tikklasifika dan il-ksur ta' regolamenti dixxiplinarji bhala ta' natura kriminali, allura l-garanziji applikabbli taht il-Konvenzjoni japplikaw ghal dawk il-proceduri. Fejn invece l-Istat koncernat ikun ghazel li jipprocessa l-awtur ta' "mixed offence" fil-kamp dixxiplinarju minnflok fil-kamp penali,. allura jittiehdu in konsiderazzjoni it-tieni u t-tielet kriterji hawn taht imsemmija li per mezz taghhom jista' xorta wahda jirrizulta li dawk il-proceduri dixxiplinarji jkunu nvolvew id-determinazzjoni ta' "criminal charge" ghall-fini tal-Konvenzjoni.**

**It-tieni kriterju jirrigwarda n-natura nerenti tal-offiza dixxiplinari. Fejn il-ksur li bih ikun gie akkuzat l-awtur fi proceduri dixxiplinari ghandu natura penali inerenti w fejn "its 'very nature' is criminal - that is strong evidence that the automnomous Convention meaning has been satisfied." "This is where the comparative or common denominator approach is particularly relevant ." "Another pointer to such a nature is where the disciplinary offence could have been prosecuted as a criminal offence in the law of the respondent State , i.e. that it is a "mixed offence".**

**It-tielet kriterju jemani minn-natura w severita' tal-kastig massimu potenzjali li jkun hemm ghal dak il-ksur. Fejn ikun hemm kastig ta' habs jew deprivazzjoni serja tal-liberta' bhala kastig possibbli fil-proceduri dixxiplinarji , dan hu indikattiv li "the charge is criminal". Kien dan l-ahhar kriterju li fil-kaz ta' Engel wassal lill-Qorti Ewropeja biex tippronunzja ruha li , ghaliex il-proceduri dixxiplinarji kienu ta' natura kriminali fil-kaz biss ta' uhud mill-applikanti w dawn kienu saru bil-maghluq , allura kien hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

**Fit-trattazzjoni orali taghha quddiem din il-Qorti , l-abbli difensur ghamlet ukoll riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja "Ozturk vs. Germany" [6.E.H.R.R.**

**409 tal-21 ta' Frar, 1984] (fols. 554-569 tal-atti tal-Kompilazzjoni) fejn ukoll gew segwiti il-kriterji enuncjati fil-kaz ta' Engel et . u ghas-sentenza tal-istess Qorti Ewropeja fl-ismijiet "Campbell and Fell vs. The United Kingdom" [ (1985) 7 E.H.R.R.. 165 ] (fols. 600-630 tal-kumpilazzjoni) . F'din is-sentenza l-Qorti Ewropeja kienet irriteniet b'maggoranza ta' erba kontra tlieta li l-protezzjoni tal-Konvenzjoni kienet invokabbli mill-applikant Campbell ghax il-proceduri li kienu saru quddiem il-Board of Visitors li kien sab lil Campbell hati ta' ksur tal-Prison Rules 1964 maghmula taht il-Prison Act 1952 u cioe' t' ammutinament fil-habs u feriti gravi fuq ufficjal tal-habs, kienu jinvolvu "the determination of a criminal charge" . Ghalhekk il-fatt li dawk il-proceduri kienu saru bil-maghluq u li l-hati kien gie michud lilu d-dritt li jkun assistit minn avukat kienu lezivi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Biex il-Qorti, fil-maggoranza taghha , waslet ghal din id-decizjoni , qieset it-tieni kriterju fuq espost u cioe' tal-"very nature of the offences" li kienu gravi kemm taht ir-regolamenti tal-habs u setghu ukoll taw lok kemm ghall-proceduri dixxiplinari kif ukoll ghall-proceduri kriminali taht il-ligi domestika w ghalhekk kienu of "an inherently criminal nature" . Skond il-Qorti ,t-tielet kriterju ta' Engel kien ukoll applikabbli ghax l-akkuzat kien tilef 570 jum "remission" u l-Qorti , fil-maggoranza taghha , rriteniet li it-telf tar-"remission " kellu jigi konsidrat bhala kastig u mhux bhala telf ta' xi privilegg.**

**Illi dan l-ahhar kaz citat , ghalkemm ma jittrattax "ut sic" il-kwistjoni ta' "ne bis in idem" li qed jissolleva l-akkuzat fil-kaz odjern, u ghalkemm ukoll gibed certa kritika mill-awturi w anki kien karatterizzat minn opinjonijiet dissenzjenti mill-minoranza tal-Imhallfin li ma qablux mad-decizjoni maggoritarja, johloq certa prejokkupazzjoni f' mohh din il-Qorti , ghaliex jekk wiehed ghandu jsegwi l-precedenti enuncjati mill-Qorti Ewropeja fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni , stante s-somiljanza kbira li ghandu mall-kaz in ezami pendenti quddiem din il-Qorti, jista' jaghti lok ghall-interpretazzjoni li l-proceduri li kienu**

**ttiehdu taht ir-Regolamenti tal-Habs fuq imsemmija kontra l-akkuzat odjern kienu ta' natura kriminali - minkejja d-dispozizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta fuq citati w kull definizzjoni taghhom bhala proceduri dixxiplinarji taht il-ligi domestika Maltija w ergo fil-proceduri pendenti quddiem din il-Qorti l-akkuzat jista' talvolta jigi konsidrat li qed jigi akkuzat ghat-tieni darba bl-istess "reati kriminali" .**

**Illi ghalhekk din il-Qorti ma thossx li tista' tiddisponi minn dan l-ilment billi tiddikjarah bhala wiehed "frivolu w vessatorju", meta jitqies fid-dawl tal-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fuq citata u meta jincidi direttament u necessarjament fuq l-import tal-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu ta' "ne biss in idem" .**

**Illi l-Art. 46 (3) Tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li jekk f'xi proceduri f' xi Qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwistjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta' l- artikoli 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni , dik il-Qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kemm il-darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja; w dik il-Qorti ghandha taghti d-decizjoni taghha fuq kull kwistjoni mibghuta quddiemha skond dan is-subartikolu w l-Qorti li quddiemha tkun qamet il-kwistjoni ghandha tiddisponi mill-kwistjoni skond dik id-decizjoni tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.**

**Ghalhekk, rinfaccjata b'din il-pregudizzjali sollevata mill-akkuzat u talba biex din il-Qorti tirriferixxi l-kwistjoni lill-Qorti Civili , Prim' Awla , din il-Qorti ser ikollha , a tenur tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni , tibghat, kif qed tibghat , il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex taghti d-decizjoni taghha fuq il-kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-akkuzat skond il-verbal tas-seduta tat-18 ta'Settembru, 2002, u dana skond il-ligi u tiddifferixxi l-kawza "sine die" sakemm ikun hemm ezitu definittiv fil-proceduri li ser**

**isiru b‘konsegwenza ta‘ din ir-referenza kostituzzjonali.**”

Rat ir-risposta ta’ l-Avukat Generali fejn gie sottomess :-

Illi l-proceduri li ttiehdu qudiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-Habs mhumiex proceduri kriminali u certament hawn kaz ta’ ne bis in idem;

Issir refernza ghall-kaz Engels and others vs United Kingdom of the Netherlands;

Illi ghalhekk it-talba ghanda tigi michuda bl-ispejjes;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta’ Jannar 2003 minn fejn jirrizulta li l-partijiet jaqblu li l-imputat ghadda minn proceduri interni ta’ dixxiplina tal-Habs Civili in konnessjoni mal-harba tieghu mill-istess habs civili u gie kkundannat mit-Tribunal ta’ l-Appell kif hemm indikat fid-digriet ta’ referenza mill-Qorti Kriminal lil din il-Qorti tas-6 ta’ Dicembru 2002.;

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-akkuzat u tal-Avukat Generali;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Il-Qorti Kriminali bl-imsemmi digriet tas-6 ta’ Dicembru 2002 irreferiet lill-Prim’Awla tal-Qorti Civili il-kwestjoni kostituzzjonali kif sollevata mill-akkuzat Mosbah Mohsen Ben Ibrahim rigwardanti l-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2002 kif dedott kontra l-istess akkuzat. L-akkuzat qed jilmenta li bl-imsemmi Att ta’ Akkuza qed jigu lesi d-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fil-Kostituzzjoni ta’ Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

(Kapiotlu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta) u dana peress li huwa gia ssubixxa proceduri kontra tieghu dwar l-istess fatti;

L-istess Qorti Kriminali ghamlet din ir-referenza a bazi tal-provedimenti tal-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u dana sabiex din il-Qorti tiddeciedi dwar l-imsemmija kwistjoni kostituzzjonali sollevata mill-akkuzat;

Fid-digriet ta’ referenza l-Qorti Kriminali rreferiet ghall-Att tal-Akkuza numru 9 tas-sena 2002 kontra l-akkuzat Mosbah Mohsen Ben Ibrahim, li bih huwa gie akkuzat b’diversi akkuzi. Dawn l-akkuzi jirreferu ghal fatt li l-akkuzat kien harab mill-habs. In partikolari huwa gie akkuzat talli fid-29 ta’ Marzu 2000 indebitament arresta, zamm jew issekwestra persuni kontra l-volonta’ taghhom, gieghel ufficjal pubbliku li jaghmel jew li ma jaghmilx dak li huwa d-dover tieghu u talli attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza. Inoltre qed jigi akkuzat talli hebb ghall-persuna inkarigata b’servizz pubbliku u talli harab minn post ta’ piena. Qed jigi akkuzat ukoll talli seraq vettura liema serq hu kwalifikat, talli dahal b’abbuz f’lok b’recint, talli kellu fuqu strument bil-ponta minghajr licenzja tal-Awtorita’ kompetenti u talli ghamel resistenza bi vjolenza;

L-akkuzat eccepixxa, fost affarijiet ohra, li huwa gia gie gudikat u misjub hati fuq diversi minn l-imsemmija atti ta’ akkuza. Ghalhekk l-akkuzat qed jissolleva kwistjoni dwar il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tieghu kif protetti taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta bl-artikolu 39(9) u taht l-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bl-artikolu 6(1);

L-akkuzat jissottometti li gja gie kastigat ghall-uhud mill-fatti li huma fil-bazi tal-immsemmija akkuzi dedotti kontra l-akkuzat, u dan meta l-Awtoritajiet tal-Habs hadu passi kontra l-akkuzat talli huwa kien harab mill Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin;

In effett kemm l-akkuzat kif ukoll l-Avukat Generali jaqblu li l-akkuzat issubixxa proceduri interni ta’ dixxiplina tal-Habs Civili in konnessjoni mal-harba tieghu mill-istess habs civili u gie kkundannat mit-Tribunal ta’ l-Appell kif

hemm indikat fid-digriet ta’ refernza tal-Qorti Kriminal (vide verbal tas-seduta tas-7 ta’ Jannar 2003);

In effett Lill-Qorti referenti, cioe’ l-Qorti Kriminali, rrizultalha li ttiehdu passi dixxiplinari kontra l-akkuzat quddiem il-Bord tad-Dixxiplina fil-Habs Civili ta’ Kordin, liema Bord ha d-decizjonijiet tieghu li minnhom l-akkuza appella quddiem it-Tribunal tal-Appell. Dan it-Tribunal iddecieda finalment dwar il-kaz tal-akkuzat fit-2 ta’ Mejju, 2000;

L-imsemmi Tribunal tal-Appell kien sab lill-akkuzat hati ta’ assalt ta’ persuna, talli cahad access ghal xi parti mill-habs lil xi ufficjal tal-habs; talli pperikola s-sahha jew is-sikurezza personali ta’ ohrajn; talli fixkel ufficjal tal-habs fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tieghu; talli kellu fil-pussess tieghu xi oggett ipprojbit jew mhux awtorizzat; talli ha, minghajr awtorita’ jew raguni legittima, xi oggett li kien jappartjeni lil persuna ohra jew lil habs; talli assenta ruhu minn xi post fejn huwa kien mehtieg li jkun jew kien prezenti f’xi post fejn ma kienx awtorizzat li jkun; talli wera nuqqas ta’ rispett lejn ufficjal tal-habs jew lejn xi persuna li tkun qed izzur il-habs; talli dagha jew uza kliem jew imgieba ta’ theddid, abbuzivi, oxxeni jew insolenti; talli zamm xi persuna kontra l-volonta’ taghha; talli harab waqt li kien mizmum jew meqjus li kien mizmum il-habs u talli b’kull mod iehor li jkun ghamel reat kontra l-buon ordni u d-dixxiplina;

Sostanzjalment dak li tieghu l-akkuzat instab hati mill-bord tad-Dixxiplina u mit-Tribunal tal-Appell huma l-istess akkuzi li taghhom l-akkuzat qed jigi mixli quddiem il-Qorti Kriminali ad eccezzjoni tal-akkuza talli seraq vettura liema serq hu kwalifikat u talli dahal b’abbuz f’dar ta’ abitazzjoni jew kull lok iehor b’recint;

L-akkuzat, wara li instab hekk hati nghata l-piena ta numru konsiderevoli ta’ granet rekluzjoni f’cella oltre telf ta’ “remission” mis-sentenza (“remission of sentence”) li qed jiskonta ukoll ta’ numru konsiderevoli ta’ granet. Jirrizulta li l-akkuzat tilef 1930 jum “remission” oltre d-

diversi granet f' "solitary confinement" cioe' "self committment" li joqghod fic-cella;

Il-Qorti referenti, tajjeb jew hazin, esaminat il-kwistjonijiet li gew sollevati mill-akkuzat funditus u bir-reqqa u dana ukoll fil-kuntest tal-artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea li gew indikati mill-istess akkuzat li huma a bazi tal-ilmenti tieghu. In effett il-konsiderazzjonijiet kollha li ghamlet l-istess Qorti referenti huma ben fondati u din il-Qorti qed issib certa diffikulta biex tghamel konsiderazzjonijiet taghha minnghajr ma tirrepeti dak li gia gie indikat mill-istess Qorti referenti;

Il-kwestjonijiet principali li ghandhom jigu decizi huma jekk il-proceduri interni tal-Habs, li issubuxxa l-akkuzat, ghandhomx jigu konsidrat bhala process ta' natura kriminali u konsegwentement jekk l-imsemmi Att tal-Akkuza jikkostitwix fil-konfront tal-akkuzat ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti mill-imsemmija artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea;

In effett il-Qorti referenti stess iddikjarat li ser tezamina il-kwestjoni jekk hemmx f'dan il-kaz ksur tad-drittijiet fundamentali in vista tal-fatt li l-akkuzat jinsab ghaddej minn proceduri penali kontra tieghu meta l-istess akkuzat gia gie gudikat dwar l-istess fatti. L-istess Qorti investigat il-kwestjoni jekk l-imsemmija "disciplinary proceedings" jammontawx ghall-proceduri kriminali w allura l-imputat m'ghandux jigi soggett illi jghaddi minn proceduri godda fuq l-istess fatt;

Sostanzjalment l-akkuzat qed jeccepixx in-"ne bis in idem" li hu dritt garantit mill-art.39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti referenti esaminat il-provedimenti tal-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni u l-proviso relattiv, kif ukoll ir-regolament 87 tar-Regolamenti tad-dixxiplina tal-Habs. Ikkonsidrat ukoll li hu ovvju li din il-protezzjoni kostituzzjonali tinghata biss meta l-ewwel proceduri ikunu ittiehdu quddiem "Qorti kompetenti" u ghall-"reat kriminali" wasslet ghal konkluzjoni li, "mill-ottika tal-Kostituzzjoni u l-ligi domestika

Maltija 'ut sic', l-Att tal-Akkuza odjern, in kwantu jittratta f' diversi kapi tieghu fatti li taghhom l-akkuzat gie kastigat mill-awtoritajiet tal-habs, ma jidhirx li jilledi d-drittijiet fondamentali kif protetti fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni li qed jigi nvokat mill-akkuzat" Din il-Qorti tghamel taghha din il-konkluzjoni u tiddikjara li ma jirrizultax sufficjentement provat li d-drittijiet basici tal-akkuzat kif sanciti fl-artikolu 39(9) gew lezi;

Sussegwentement il-Qorti referenti ghaddiet biex tesamina l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, fejn ma jissemmiex espressament id-dritt li persuna ma tigix gudikata darbtejn ghall-istess fatt, izda hu ben risaput li dan l-artikolu jikkomprendi l-imsemmi dritt fundamentali. Il-principju tan-ne bis in idem hu rikonoxxut bhala li jikkostitwixxi wiehed mid-drittijiet fondamentali ta' l-individwu protetti mill-istess artikolu 6(1);

F'dan ir-rigward il-Qorti referenti irriferiet ghall-kaz "Engels and others vs. The Kingdom of the Netherlands" deciza mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-2 ta' Gunju, 1976, fejn il-Qorti irreferiet ghall-kriterji li ghandhom jigu segwiti sabiex jigi determinat jekk il-protezzjoni skond l-imsemi artikolu 6(1) hix applikabbli jew le, cioe' sabex jigi stabbilit jekk passi dixxiplinari ghall-ksur ta' regoli humiex ta' natura penali. L-ewwel kriterju jirreferi fejn il-ligi domestika stess tikklasifika dan il-ksur ta' regolamenti dixxiplinarji bhala ta' natura kriminali, b'hekk il-protezzjoni u l-garanziji applikabbli taht il-Konvenzjoni japplikaw ghal dawk il-proceduri. It-tieni kriterju jirrigwarda n-natura inerenti tal-offiza dixxiplinari u cioe fejn ir-regoli dixxiplinarji inerentement ikunu ta' natura penali allura ukoll hemm il-protezzjoni mghotija minn dan l-artikolu. It-tielet kriterju jirrigwarda in-natura u severita' tal-piena massima u cioe' fejn ikun hemm potenzjalment piena ta' habs jew deprivazzjoni serja tal-liberta. Dan hu indikattiv li ir-regoli dixxiplinari huma penali fin-natura taghhom;

Il-Qorti referenti ghamlet ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja "Ozturk vs. Germany" [6.E.H.R.R. 409 tal-21 ta' Frar, 1984] fejn gew segwiti il-kriterji fuq

enuncjati kif ukoll ghas-sentenza tal-istess Qorti Ewropea fl-ismijiet "Campbell and Fell vs. The United Kingdom" (1985) (7 E.H.R.R.. 165). F'din l-ahhar sentenza l-Qorti sostniet li l-protezzjoni tal-Konvenzjoni kienet invokabbli peress li l-proceduri quddiem bord specjali (Board of Visitors) kien sab lill-applikant hati ta' ksur tal-Prison Rules 1964 cioe' ta' ammutinament u feriti gravi fuq ufficjal tal-habs, Skond il-qorti dawn kienu jinvolvu decizjoni dwar akkuzi ta' natura penali u ghahekk kella tigi applikati l-protezzjoni taht l-artikolu in kwestjoni tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti,ghalhekk qiset it-tieni kriterju u qalet li kien ukoll applikabbli t-tielet kriterju peress li l-applikant kien tilef hafna granet ta' "remission" u din kienet piena fil-veru sens tal-kelma u mhux telf ta' xi privilegg.

Il-Qorti referenti waslet sa hawn u bhala konsegwenza iddikjarat li l-kwestjoni sollevata ma kienitx wahda frivola u vessatorja. Din il-Qorti taqbel ma dawn il-konsiderazzjonijiet u tasal ghall-konkluzjoni logika taghhom li l-proceduri li ssubixxa l-akkuzat internament ghandhom jitqiesu li huma inerentement ta' natura penali u b'hekk hi applikabbli il-protezzjoni u l-garanzija li jghati l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar in-"ne bis in idem.";

In effett jirrizulta li l-offizi dixxiplinari li taghhom l-akkuzat instab hati fin-natura inerenti taghhom huma penali. In-natura u severita' tal-piena massima li kien hemm involuta fl-istess offizi dixxiplinari, fejn jirrizulta li potenzjalment kien hemm deprivazzjoni serja tal-liberta, jrendu ukoll l-istess regoli dixxiplinari bhala penali fin-natura taghhom;

F'dan l-istadju trid issir referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali tal-10 ta' Jannar 2005 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Angelo Caruana) vs Anthony Zammit, John Woods u Ahmed Esawi Mohammed Fakri" fejn il-fattispecie tal-kaz kienu simili hafna ghal dawk f'din il-presenti procedura;

F'din is-sentenza intqal illi –"Din il-qorti ma tistax ma tqisx tali piena ta' loss of remission bhala piena kriminali u

mhux sempplicement dixxiplinari ghall finijiet tal-konvenzjoni minhabba n-natura (telf ta' liberta'personali) u s-severita' taghha b'mod ghalhekk li anke l-proceduri li wasslu ghaliha kienu ukoll fir-realta' ta' natura penali u mhux semplicement dixxiplinari.";

In vista ta' dan kollu jirrizulta sufficjentement pruvat li l-proceduri li kienu ttiehdu taht ir-Regolamenti tal-Habs fuq imsemmija kontra l-akkuzat odjern huma ta' natura kriminali u konsegwentement fil-proceduri pendenti quddiem il-Qorti referenti, cioe' il-Qorti Kriminali, l-akkuzat ghandu jigi konsidrat li qed jigi akkuzat ghat-tieni darba bl-istess "reati kriminali" u ghalhekk, ghall-finijiet tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea; japplika l-principju tan-"ne bis in idem.";

Hu ovvju li dan qed jinghad fejn l-akkuzi pendenti fil-proceduri penali huma l-istess bhal dawk l-offizi dixxiplinari, li taghhom l-akkuzat gia nstab hati. Ghalhekk il-proceduri kriminali ghandhom jitkomplew fil-konfront biss tal-akkuzi li ma jinkwadrawx ruhhom fl-offizi dixxiplinari li taghhom l-akkuzat gia instab hati;

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tiddikjara li ma jirrizultax li huma applikabbli l-provedimenti tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u b'hekk m'hemmx ksur tal-istess provedimenti; billi fit-ieni lok tiddikjara li huma applikabbli il-provedimenti tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (kapitolu 319) u b'hekk jirrizulta li hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-akkuzat tad-dritt tieghu li ma jigix processat aktar minn darba u dana appuntu kif stabbilit bid-disposizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 6(1) u dana bl-eccezzjoni ta' dawk akkuzi li ma jinkwadrawx ruhhom fl-offizi dixxiplinari li taghhom l-akkuzat gia instab hati u billi fit-tielet lok tordna li dawn l-atti jigu rimessi lill-Qorti Kriminali sabiex din tiddisponi minn dan il-kaz skond din is-sentenza;

In vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejkn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------